# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 13 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 28/01 AJD*

Allied Insurance Agency Ltd.

vs

Darren Vella

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' u erbghin liri maltin u hamsin centezmi (Lm44.50) rappresentanti l-hlas dovut ghal premia fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut. Billi nonostante li gie debitament interpellat biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqga' inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 1999, u tal-ittra legali tat-8 ta' Gunju, 1999, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nicole Vella De Fremeaux li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm44.50) bl-imghaxijiet legali pagabbli mit-30 ta' Marzu, 1999, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR